MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 483/2004

**Untours Insurance Agents Ltd (C 5655) ghal Qatar Insurance surrogati fid-drittijiet ta Vincent Xuereb u l-istess Vincent Xuereb (ID 423938m)**

**Vs**

**Edgar Buttigieg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta Marzu 2004 fejn intalab li l- konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ tliet mija u tnax il-lira u ghoxrin centezmu (Lm312.20) rapprezentanti valur ta danni sofferti fil-vettura tal-attur f’incident stradali li sehh fis-7 ta Marzu 2002 gewwa l-Msida bejn il-vettura numru KAA 084 misjuqa mill-attur u vettura numru GAM 526 misjuqa mill-konvenut ghal liema ncident dan ta l-ahhar kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta ittra ufficcjali ta' llum ai termini tal-Kap 104 u bl-interessi minn-notifika ta dan l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 16 ta Marzu 2004 fejn ikkontesta t-talbiet attrici fil-konfront tieghu stante li l-incident in kwistjoni gara minnhabba tortijiet imputabbli lill-istess attur Vincenzo Xuereb.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.
Ra s-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut datata 16 ta Settembru 2003 fil-kawza numru 1734/02 bejn l-istess sewwieqa fl-ismijiet inversi u fuq l-istess incident stradali kif ukoll il-provi u dokumenti hemm prodotti.

Ikkunsidra.

Ghandu jirrizulta mir-rapport u skizz tal-pulizija esebit a fol 11 et seq tal-process (kif ripetuti a fol 20 et seq) illi dan l-incident stradali sehh gewwa l-Msida bejn zewg vetturi li miexjin lejn l-istess direzzjoni u cioe fuq dak l-ispeci ta bridge faccata tal-knisja ta l-Msida. L-attur kien qed isuq fuq quddiem u l-konvenut wara. Ghal xi raguni meta l-attur kien qed idur fuq il-lemin biex jigbed lejn B'kara (stante li kien intenzjonat li jitla l-isptar), il-konvenut habat mieghu fuq in-naha ta wara. L-attur ighid li huwa skiddja wara l-impatt filwaqt li l-konvenut jallega li l-attur skiddja qabel ma habat go fih anzi li kien habat go fih proprja il-ghaliex l-attur skiddja quddiemu

L-attur jikkonferma l-verzjoni li huwa kien ta lill-pulizija u jispecifika li huwa hass l-impatt fuq in-naha ta wara tal-vettura tieghu hekk kif qorob fejn il-crash barrier li tifred il-karreggjata bejn dik li tiehdok il-Belt u bejn l-ohra li twaslek fejn l-AVIS. Bid-daqqa li qala fuq wara l-vettura tieghu daret 180 *degrees* u spiccat thares fid-direzzjoni tal-Knisja tal-Msida.

Il-konvenut ma xehedx f'dawn il-proceduri izda ghamel referenza ghax-xhieda moghtija minnu fil-process l-iehor

fuq indikat, liema process gie allegat ma dan odjern u jifforma parti minnu. Illi f'dak il-process ix-xhieda ma kinietx tigi traskritta izda kienu jitnizzlu notamenti mill-Gudikatur fuq ix-xhieda mismugha minnu. Minn-notamenti relattivi dwar ix-xhieda tal-konvenut odjern u cioe ta l-attur f'dik il-kawza l-ohra ma jizvelaw ebda fatturi godda dwar id-dinamika tal-incident.

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta ppruvat soddisfacentement illi l-kawza prossima tal-impatt in kwistjoni hija pjuttosta minnhabba tort tal-konvenut li ma zammx distanza adekwata bejnhu u bejn il-vettura tal-attur milli ghal xi fattur iehor attribwibbli ghall-istess attur. Illi barra minnhekk dan it-Tribunal ma jsib xejn gdid li jista jwasslu biex jiddisturba l-konkluzjoni li wasal ghalih it-Tribunal diversament presjedut fil-kawza l-ohra precitata dwar ir-responsabbilita tal-incident.

Illi ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni dwar il-kwantum tad-danni reklamati oltre ghall-fatt li dawn gew soddisfacentement ipprovati.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut Edgar Buttigieg kien unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni kwindi jilqa t-talbiet attrici u jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta tliet mija u tnax il-lira u ghoxrin centezmu (Lm312.20)

bl-imghaxijiet legali dekorribbli minn-notifika ta dan l-avviz u bl-ispejjes kollha a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------